


Sommarju eżekuttiv

Il-Programm ta' Ħidma (WP) tal-EBA għall-2022 tnejja billi tqiesu l-mandati eżistenti u dawk mistennija mill-koleġislaturi u l-kompiti li jirriżultaw mir-regolament ta' twaqqif tal-EBA, inkluża l-valutazzjoni tagħha tas-sitwazzjoni attwali tas-settur bankarju Ewropew. Il-ħidma tal-EBA fl-2022 se tkun fil-biċċa l-kbira kontinwazzjoni tal-ħidma mwettqa fl-2021. L-iżvilupp ulterjuri ta' qafas ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) rilevanti għall-banek, u l-monitoraġġ tal-impatt tal-COVID-19 fuq il-karti tal-bilanċ tagħhom se jibqgħu fuq quddiem nett. Barra minn hekk, it-traspożizzjoni tal-qafas ta' Basel III fl-UE u l-implimentazzjoni tal-istrateġija finanzjarja diġitali tal-UE¹, b'mod partikolari l-proposti leġiżlattivi dwar l-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali (DORA) u dwar is-Swieq fil-Kriptoassi (MiCA) huma mistennija li jkunu xprunaturi importanti tal-attività tal-EBA fl-2022.

Il-Programm ta' Ħidma tal-2022 inbena b'kunsiderazzjoni għall-ħames prijoritajiet strateġiċi vertikali u ż-żewġ prijoritajiet strateġiċi orizzontali approvati mill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA f'Jannar 2021 fil-kuntest tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni (SPD) għas-snin 2022 sal-2024. L-ewwel verżjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-2022 ġiet inkluża fl-SPD u b'dan hija kkonfermata u aġġustata kemxejn fid-dawl tal-iżviluppi osservati fl-ewwel nofs tal-2021. Il-Programm ta' Ħidma bbenefika wkoll mill-kontribut tal-AKP fi tmiem Ġunju 2021, biex jitqiesu ċerti speċifikitajiet (bħal dawk għall-SNCIs). L-Awtorità se tqis ukoll ċiklu ġdid ta' Prijoritajiet Strateġiċi Superviżorji fl-Unjoni kollha u se timplimenta pjan ta' ħidma ġdid dwar ir-Rieżami bejn il-Pari, it-tnejn li huma għall-perjodu 2022-2023, kif mitlub mill-aġġornament tar-regolament tal-EBA ("Rieżami tal-ASE").

Prijoritajiet għall-2022



¹ [Pakkett dwar il-finanzi diġitali | il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://www.europa.eu)

Il-prijoritajiet pluriennali se jiggwidaw l-intensità tal-ħidma tal-EBA. Dawn jistgħu jinġabru f'25 attività ewlenija, li minnhom 14 huma relatati mal-politika u l-konverġenza, 5 mal-valutazzjoni tar-riskju u d-*data*, u 6 mal-koordinazzjoni u l-appoġġ. Biex jitrawmu s-sinerġiji u l-effiċjenza, l-għadd globali ta' attivitajiet ġie ssimplifikat bi 30 % meta mqabbel mal-2021 u l-EBA aġġustat ukoll l-istruttura organizzazzjonali tagħha fl-1 ta' Ġunju 2021.